**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 05/2019**
**20 ta' Marzu 2019**

THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA
TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. info@kamratalperiti.org
WEBSITE. www.kamratalperiti.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Kamra tal-Periti

## Il-Kunsill il-Ġdid tal-Kamra tal-Periti jiltaqa' mal-Ministru Ian Borg

Fl-14 ta' Marzu 2019, il-Kunsill il-ġdid tal-Kamra tal-Periti kellu l-ewwel laqgħa mal-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali l-Onorevoli Dr Ian Borg. Il-laqgħa ffukat fuq il-pjanijiet tal-Kunsill għas-sentejn li ġejjin, b'mod partikolari fuq iż-żewġ ċentinarji li l-Kamra ser tiċċelebra, dawk tal-Ordinanza dwar l-Arkitetti li ġiet fis-seħħ fl-1919, u twaqqif tal-Kamra tal-Periti fl-1920.

Il-President tal-Kamra tal-Periti, Perit Simone Vella Lenicker, spjegat li l-Kunsill identifika numru ta' oqsma li ser taħdem fuqhom fl-2019 – 2020. L-iktar importanti hu dak li jirrigwardja l-emendi għall-Att dwar il-Periti, li l-Kamra ilha tiddiskuti ma gvernijiet sussegwenti għal iktar minn 10 snin, u li issa waslu fl-aħħar stadji ta' drafting qabel ma jiġu ppreżentati fil-Parlament. Il-Kunsill ilu wkoll jaħdem fuq proposti ġodda għal qafas ta' Regolamenti tal-Bini, li ġie approvat mill-professjoni fl-laqgħa ġenerali li saret f'Novembru li għadda, u li issa jista' jiġi ppreżentat formalment lill-Ministeru. Kien hemm qbil bejn iż-żewġ naħat li dawn iż-żewġ aspetti jingħataw prijorita' fix-xhur li ġejjin.

Il-Kunsill ppreżenta wkoll il-pjanijiet dwar il-ħruġ ta' diversi prattiċi ta' gwida għall-professjoni b'mod partikolari dawk dwar ir-riklamar ta' servizzi u dwar il-GDPR, l-attivitajiet li ser jimmarkaw iċ-ċentinarji, l-impatti ta' Brexit fuq is-suq lokali u fuq professjonisti li jaħdmu fir-Renju Unit, kif ukoll diversi proġetti oħra li ser jiġu mħabbra fix-xhur li ġejjin.

https://kamratalperiti.org/press/